

EBA/GL/2024/16

---

18/12/2024

---

## Linji Gwida

dwar mudelli biex jassistu lill-awtoritajiet kompetenti fit-twettiq tad-dmirijiet superviżorji tagħhom rigward il-konformità tal-emittenti skont it-Titoli III u IV tar-Regolament (UE) 2023/1114

---

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

---

## Status ta' dawn il-Linji Gwida

1. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup>. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jeħtiġilhom jagħmlu kull sforz biex ikunu konformi mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Obbligi ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 26.05.2025. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2024/16". In-notifiki għandhom jintbagħtu minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus ta' konformità trid tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

## 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

---

### Suġġett

5. Dawn il-Linji Gwida jispeċifikaw il-kontenut u l-formati uniformi għas-sottomissjoni tal-informazzjoni użata mill-awtoritajiet kompetenti meta jeżerċitaw is-setgħat superviżorji tagħhom skont l-Artikolu 94(1)(a) u t-Titoli III u IV tar-Regolament (UE) 2023/1114<sup>2</sup> u mill-EBA meta teżerċita s-setgħat superviżorji tagħha skont l-Artikolu 122 ta' dak ir-Regolament.

### Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-Linji Gwida japplikaw fir-rigward tal-eżerċizzju tas-setgħat superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti fil-kuntest tal-iżgurar tal-konformità tal-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi (ARTs) u tat-tokens tal-flus elettroniċi (EMTs) mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titoli III u IV tar-Regolament (UE) 2023/1114.

### Destinatarji

7. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 3(1), il-punt (35) tar-Regolament (UE) Nru 2023/1114. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati wkoll lil emittenti tal-ARTs u emittenti tal-EMTs.

### Definizzjonijiet

8. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva (UE) 2023/1114 għandhom l-istess tifsira fil-Linji Gwida.

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kripto-  
assi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE)  
2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40).

## 3. Implimentazzjoni

---

### Data ta' applikazzjoni

9. Dawn il-Linji Gwida japplikaw minn 26.05.2025.

## 4. Mudelli, frekwenza u format

### 4.1 Mudelli għall-emittenti ta' ARTs u EMTs

#### Informazzjoni għall-monitoraġġ tal-konformità mar-rekwiżiti ta' fondi proprji

10. Għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-konformità mar-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-Artikoli 35 u 58 tar-Regolament (UE) 2023/1114, l-emittenti ta' ARTs u EMTs soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni stabbilita fil-mudelli S 09.01 u S 09.02 tal-Anness I, ikkompletata f'konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.

#### Informazzjoni għall-monitoraġġ tal-konformità mar-riżerva ta' assi u mar-rekwiżiti tal-likwidità kif ukoll mar-rekwiżiti applikabbli għall-investment tal-fondi riċevuti bi skambju tal-EMTs

11. Għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-konformità mar-riżerva ta' assi u mar-rekwiżiti tal-likwidità f'konformità mal-Artikoli 36, 37, 38 u 58 tar-Regolament (UE) 2023/1114:

- a. l-emittenti ta' ARTs, istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li joħorġu EMTs sinifikanti u istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li joħorġu EMTs mhux sinifikanti li huma meħtieġa mill-awtorità kompetenti li jkollhom riżerva ta' assi għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni dwar il-valur tas-suq, jew, fejn applikabbli, dwar l-ammont tal-assi, l-influssi u l-flussi ta' ħruġ għal kull token kif speċifikat aktar fil-mudell S 03.03 tal-Anness I, ikkompletata f'konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness II;
- b. barra minn hekk, l-emittenti ta' EMTs denominati f'munita li hija munita uffiċjali ta' Stat Membru soġġetti għar-rekwiżit li tinżamm riżerva ta' assi skont l-Artikolu 58(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2023/1114 għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni stabbilita fil-mudelli S 03.01 u S 03.02 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2902<sup>3</sup>, ikkompletata f'konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.

12. Għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-konformità mar-rekwiżiti applikabbli għall-investment ta' fondi riċevuti bi skambju għall-EMTs f'konformità mal-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2023/1114, l-emittenti tal-EMTs mhux soġġetti għar-rekwiżit li jżommu riżerva ta' assi għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni stabbilita fil-mudell S 03.03 tal-Anness I, ikkompletata f'konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.

<sup>3</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2902 tal-20 ta' Novembru 2024 li jstabilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar relatat mat-tokens irreferenzjati ma' assi u mat-tokens tal-flus elettroniċi denominati f'munita li mhijjex munita uffiċjali ta' Stat Membru (ĠU L, 2024/2902, 28.11.2024).

### Informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tas-sinifikanza

13. Għall-finijiet li jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jipprovdu lill-EBA d-*data* rilevanti għall-valutazzjoni tal-kriterji ta' sinifikanza speċifikati fl-Artikoli 43 u 56 tar-Regolament (UE) 2023/1114:

- a. L-emittenti ta' ARTs u EMTs għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni stabbilita fil-mudelli S 10.01, S 10.02 u S 10.03 tal-Anness I, ikkompletata f'konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.
- b. Barra minn hekk, l-emittenti ta' EMTs denominati f'munita li hija munita uffiċjali ta' Stat Membru għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni stabbilita fil-mudelli S 01.00, S 02.00, S 04.01, S 04.02, S 04.03 u S 04.04 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2902, ikkompletata f'konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.

14. L-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tas-sinifikanza tinkludi l-informazzjoni stabbilita fil-mudelli S 03.01 u S 03.02 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2902 u S 03.03 tal-Anness I ta' dawn il-Linji Gwida, ikkompletata f'konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness II ta' dak ir-Regolament u fl-Anness II ta' dawn il-Linji Gwida.

### Informazzjoni meħtieġa wara l-klassifikazzjoni ta' ART jew EMT bħala sinifikanti

15. Wara n-notifika tad-deċiżjoni finali tal-EBA dwar il-valutazzjoni tas-sinifikanza, u fejn ir-responsabbiltajiet superviżorji rigward l-emittent(i) tal-ART jew tal-EMT jiġu ttrasferiti lill-EBA, il-mudelli u l-istruzzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 10, 11, 12 u 13 se jintużaw mill-EBA biex tiġbor id-*data* meħtieġa biex tissorvelja l-konformità mal-fondi proprji, ir-riżerva ta' assi u r-rekwiżiti tal-likwidità u biex twettaq ir-rivalutazzjoni tas-sinifikanza annwali skont l-Artikoli 43(8) u 56(8) tar-Regolament (UE) 2023/1114.

## 4.2 Proporzjonalità, frekwenza u format

16. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni proporzjonali tal-Linji Gwida, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru l-informazzjoni stabbilita fil-mudelli S 01.00, S 02.00, S 03.01, S 03.02, S 04.01, S 04.02, S 04.03 u S 04.04 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2902 minn emittenti ta' EMTs denominati f'munita li hija munita uffiċjali ta' Stat Membru, u fil-mudelli S 03.03, S 10.01, S 10.02 u S 10.03 tal-Anness I ta' dawn il-Linji Gwida minn emittenti ta' ARTs u EMTs b'valur tal-ħruġ oġġla minn EUR 100 000 000.

17. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu lill-emittenti b'valur tal-ħruġ ta' inqas minn EUR 100 000 000 jirrapportaw id-*data* inkluża fil-mudelli msemmija fil-paragrafu preċedenti. F'każijiet bħal dawn, l-emittenti għandhom jużaw l-istess mudelli u struzzjonijiet kif stabbilit fl-Annessi I u II ta' dawn il-Linji Gwida u l-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2902.
18. L-emittenti għandhom jissottomettu l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafi 10, 11, 12 u 13 ta' dawn il-Linji Gwida fuq bażi trimestrali, fid-dati ta' referenza u ta' rimessa li ġejjin:
  - a. id-dati ta' referenza tar-rapportar ta' kull tliet xhur: il-31 ta' Marzu, it-30 ta' Ġunju, it-30 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru;
  - b. id-dati ta' rimessa ta' rapportar ta' kull tliet xhur: it-12 ta' Mejju, il-11 ta' Awwissu, il-11 ta' Novembru u l-11 ta' Frar.
19. Għall-finijiet ta' rapportar skont il-paragrafu 15, l-informazzjoni inkluża fil-paragrafi 10, 11, 12 u 13 ta' dawn il-Linji Gwida se tiġi sottomessa lill-EBA fuq bażi trimestrali, fl-istess dati ta' referenza u ta' rimessa kif stabbilit fil-paragrafu preċedenti.
20. L-ewwel data ta' referenza għar-rapportar tal-informazzjoni inkluża fil-mudelli S 09.01 u S 09.02 tal-Anness I għandha tkun it-30 ta' Ġunju 2025.
21. L-ewwel data ta' referenza għar-rapportar tal-informazzjoni inkluża fil-mudelli S 01.00, S 03.01, S 02.00, S 03.02, S 04.01, S 04.02, S 04.03 u S 04.04 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2902 għall-emittenti ta' EMTs denominati f'munita li hija munita uffiċjali ta' Stat Membru, u fil-mudelli S 03.03, S 10.01, S 10.02 u S 10.03 tal-Anness I ta' dawn il-Linji Gwida għall-emittenti ta' ARTs u EMTs, għandha tkun dik li tikkorrispondi għat-trimestru li fih il-valur tal-ħruġ tal-ART jew tal-EMT ikun oġhla mil-livell limitu msemmi fil-paragrafu 16 jew li fih l-awtorità kompetenti tkun talbet lill-emittenti jirrapportaw din l-informazzjoni.
22. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 18, id-data ta' rimessa għas-sottomissjoni tal-mudelli bid-data ta' referenza tat-30 ta' Ġunju 2025 għandha tkun l-1 ta' Settembru 2025.
23. L-aħħar data ta' referenza għandha tkun dik li tikkorrispondi għat-tielet trimestru konsekuttiv li fih il-valur tal-ħruġ tat-token irreferenzjat ma' assi jkun aktar baxx mil-livell limitu msemmi fil-paragrafu 16.
24. L-emittenti għandhom jissottomettu l-informazzjoni msemmija f'dawn il-Linji Gwida fil-formati u r-rappreżentazzjonijiet tal-iskambju tad-*data* speċifikati mill-awtoritajiet kompetenti, u f'konformità mad-definizzjoni tal-punt ta' *data* inkluża fil-mudell tal-punt ta' *data* u l-formuli ta' validazzjoni speċifikati fl-Anness V, kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

- a. Informazzjoni li mhux meħtieġa jew mhux applikabbli ma għandhiex tiġi inkluża f'sottomissjoni ta' *data*.
- b. Il-valuri numeriċi għandhom jiġu sottomessi bħala fatti skont dan li ġej:
  - i. il-punti ta' *data* bit-tip ta' *data* "Monetarja" għandhom jiġu rrapportati bl-użu ta' preċiżjoni minima ekwivalenti għal għaxart elef ta' unitajiet;
  - ii. punti ta' *data* bit-tip ta' *data* "Integer" għandhom jiġu rrapportati mingħajr deċimali u bi preċiżjoni ekwivalenti għal unitajiet.
- c. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikjedu li l-emittenti ta' ARTs u EMTs jassoċjaw id-*data* sottomessa f'konformità ma' dawn il-Linji Gwida mal-informazzjoni elenkata u speċifikata fil-paragrafu 8 tal-Anness II.

### 4.3 Mudelli għall-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa mill-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi

25. Għall-finijiet tas-sottomissjoni tal-punti ta' *data* stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida, l-emittenti għandhom jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi (CASPs) li jipprovdu servizzi relatati mal-ARTs u l-EMTs jipprovduhom l-informazzjoni meħtieġa biex iħejju s-sottomissjoni tal-punti ta' *data* msemmija f'dawn il-Linji Gwida.
26. Sabiex jiġbru l-informazzjoni meħtieġa mis-CASPs rilevanti, l-emittenti tal-EMTs denominati f'munita li hija munita uffiċjali ta' Stat Membru għandhom jipprovduhom il-mudelli u l-istruzzjonijiet li ġejjin:
  - a. il-mudelli S 06.01 u S 06.02 tal-Anness III, u l-istruzzjonijiet relatati kif speċifikat fl-Anness IV;
  - b. il-mudelli S 07.01, S 07.02, S 07.04 u S 08.00 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2902, u l-istruzzjonijiet relatati kif speċifikat f'dak ir-Regolament.
27. Barra minn hekk, l-emittenti ta' ARTs u EMTs għandhom jipprovdu lis-CASPs rilevanti bil-mudell S 07.05 tal-Anness III, u struzzjonijiet relatati kif speċifikat fl-Anness IV.



# Anness I – Mudelli għall-emittenti tal- ARTs u EMTs

---

# Anness II – Struzzjonijiet għall- emittenti tal-ARTs u tal-EMTs

---

## Anness III – Mudelli għas-CASPs

---

# Anness IV – Struzzjonijiet għas-CASPs

---

# Anness V – DPM u r-regoli ta' validazzjoni

---